A.L. 203 ta' l-2002

ATT TA' L-2001 DWAR AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI

(ATT NRU. XXV TA' L-2000)

Regolamenti ta' l-2002 għall-Ħarsien ta' l-Ilma ta' l-Art mit-Tniġġis kaġunat minn xi Sustanzi Perikoluzi

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 28 (1) ta' l-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, wara li kkonsulta ma' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' 2002 għall-Ħarsien ta' l-Ilma ta' l-Art mit-Tniġġis kaġunat minn xi Sustanzi Perikoluzi.

(2) (a) Dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u dati differenti jistgħu jiġu stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal skopijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti

(b) Avviż taħt il-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament jista' jagħmel tali disposizzjonijiet transitorji kif jidher lill-Ministru li jkun hemm bżonn jew ikun spedjenti dwar id-disposizzjonijiet hekk miġjuba fis-seħħ.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom l-iskop li jevitaw il-kontaminazzjoni ta' l-ilma ta' l-art b'sustanzi li jappartjenu lil familji jew gruppi ta' sustanzi fil-listi I jew II fl-Iskeda, hawn iżjed 'l quddiem imsemmija "sustanzi fil-listi I jew II", u safejn hu possibbli biex ikunu verifikati jew eliminati l-konsegwenzi tat-tniġġis li diġà seħħ.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx titlob xort'oħra:

"awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"ħruġ dirett" tfisser l-introduzzjoni fl-ilma ta' l-art ta' sustanzi fil-listi I jew II minghajr perkolazzjoni mill-art jew mill-ħamrija ta' taħt;

"ħruġ indirett" tfisser l-introduzzjoni fl-ilma ta' l-art ta' sustanzi fil-listi I jew II wara perkolazzjoni mill-art jew mill-ħamrija ta' taħt;

"ilma ta' l-art" tfisser l-ilma kollu li jinsab taħt wiċċ l-art fiż-żona ta' saturazzjoni u f'kuntatt dirett ma' l-art jew mal-ħamrija li hemm taħtha;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għar-riżorsi;

"tniġġis" tfisser il-ħruġ mill-bniedem, dirett jew indirett, ta' sustanzi jew enerġija fl-ilma ta' l-art, bir-riżultat li dan ikun jista' jipperikola s-saħħa tal-bniedem jew il-provvisti ta' l-ilma, jagħmel ħsara lir-riżorsi ħajjin u lill-ekosistema akwatika jew jinterferixxu ma' kull użu leġittimu ieħor ta' l-ilma.

Applikabilità.

3. Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal:

(a) ħruġ ta' effluwenti domestiċi minn abitazzjonijiet iżolati mhux konnessi mas-sistema tad-drenaġġ u li jinsabu barra mill-inħawi protetti għall-astrazzjoni ta' l-ilma għall-konsum tal-bniedem;

(b) ħruġ li jinsab mill-awtorità kompetenti involuta li jkun fih sustanzi tal-listi I jew II fi kwantità u f'konċentrazzjoni hekk żgħira li jkun ovvju li ma jippreżenta ebda periklu fil-preżent jew fil-futur ta' deterjorament fil-kwalità ta' l-ilma ta' l-art li jirċevih;

(ċ) il-ħruġ ta' materjal li jkun fih sustanzi radjoattivi.

Ħruġ u tneħħija ta' sustanzi

4. (1) Bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti, il-ħruġ kollu dirett ta' sustanzi fil-lista I għandu jkun projbit.

(2) Barra minn dan l-awtorità kompetenti għandha:

(a) tissuġġetta għall-investigazzjoni preċedenti kull tneħħija jew rimi għall-iskop ta' tneħħija ta' dawn is-sustanzi li jistgħu jwasslu għal ħruġ indirett. Għar-rigward ta'dik l-investigazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tipprojbixxi tali attività, jew għandha tagħti awtorizzazzjoni sakemm ikunu osservati l-prekawzjonijiet tekniċi kollha meħtieġa biex ikun evitat ħruġ bħal dak,

(b) tieħu l-miżuri kollha xierqa li hija tħoss li jkunu meħtieġa biex ikun evitat kull ħruġ indirett ta' sustanzi fil-lista I dovut għal attivitajiet fuq jew fl-art barra minn dawk imsemmija fil-paragrafu (b):

Iżda jekk l-investigazzjoni prijuri tikxef li l-ilma ta' l-art li ġo fih ikun ippjanat il-ħruġ tas-sustanzi tal-lista I ma jkunx wieħed permanentement tajjeb għal xi użu ieħor, speċjalment dak domestiku jew agrikolu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-ħruġ ta' dawn is-sustanzi sakemm il-preżenza tagħhom ma tkunx timpedixxi l-esplojtazzjoni tar-riżorsi ta' l-art. Dawn l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jkunu mogħtija biss kemm-il darba jkunu ttieħdu l-prekawzjonijiet tekniċi kollha biex ikun assigurat li dawn is-sustanzi ma jkunux jistgħu jilħqu s-sistemi akwatiċi jew jagħmlu ħsara lil ekosistemi oħra.

(3) L-awtorità kompetenti tista', wara investigazzjoni preċedenti, tawtorizza ħruġ dovut għal ri-injezzjoni fl-istess akwifer ta' l-ilma użat għal skopijiet ġeotermiċi, ilma ppumpjat minn minjieri u barrieri jew ilma ppumpjat minn xogħlijiet ta' inġinerija ċivili.

Tneħħija u ħruġ suġġetti għal investigazzjoni prijuri.

5. (1) L-awtorità kompetenti għandha tara li dan li ġej ikun suġġett għal investigazzjoni prijuri:

(a) il-ħruġ dirett ta' sustanzi fil-lista II,

(b) it-tneħħija jew ir-rimi għal skop ta' tneħħija ta' dawk is-sustanzi, liema tneħħija tista' twassal għal ħruġ indirett.

Minħabba f'tali investigazzjoni preċedenti, l-awtorità kompetenti tista' tagħti awtorizzazzjoni, sakemm ikunu osservati l-prekawzjonijiet tekniċi kollha għall-prevenzjoni tat-tniġġis ta' l-ilma ta' l-art b'dawn is-sustanzi.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri kollha adatti li tħoss li huma meħtieġa biex jiġi limitat kull ħruġ indirett ta' sustanzi fil-lista II, minħabba f'attivitajiet fuq jew fl-art barra minn dawk imsemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament.

Iċċarġjar artifiċjali mill-ġdid għall-iskop ta' l-immaniġġar ta' l-ilma ta' l-art.

6. Minkejja r-regolamenti 4 u 5 ta' dawn ir-regolamenti, l-iċċarġjar artifiċjali mill-ġdid għall-iskop ta' l-immaniġġar ta' l-ilma ta' l-art għandu jkun suġġett għal awtorizzazzjoni speċjali maħruġa mill-awtorità kompetenti fuq bażi ta' kull każ meħud għalih. Tali awtorizzazzjoni għandha tingħata biss kemm-il darba ma jkun hemm ebda riskju ta' tniġġis ta' l-ilma ta' l-art.

Eżamijiet addizzjonali.

7. L-investigazzjonijiet preċedenti imsemmija fir-regolamenti 4 u 5 ta' dawn ir-regolamenti, għandhom jinkludu eżami tal-kondizzjonijiet idroġeoloġiċi ta' l-inħawi inkwistjoni, l-poteri ta' purifikazzjoni possibbli tal-ħamrija u tal-ħamrija ta' taħt u r-riskju ta' tniġġis u alterazzjoni fil-kwalità ta' l-ilma ta' l-art mill-ħruġ u għandhom jistabbilixxu jekk il-ħruġ ta' sustanzi fl-ilma ta' l-art ikunx soluzzjoni sodisfaċenti mill-aspett ta' l-ambjent.

Rekwiżiti ta' sorveljanza.

8. L-awtorizzazzjonijiet imsemmija fir-regolamenti 4, 5 u 6 ta' dawn ir-regolamenti, ma jistgħux jinħarġu mill-awtorità kompetenti sakemm ma jkunx ġie verifikat li l-ilma ta' l-art, u partikolarment il-kwalità tiegħu, ikunu se jingħataw is-sorveljanza meħtieġa.

Dettalji li għandhom ikunu speċifikati għal ħruġ partikolari

9. Meta jkun awtorizzat xi ħruġ dirett skond ir-regolament 4 (2) u (3) jew ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti, jew meta tkun awtorizzata t-tneħħija ta' ilma ħażin li inevitabilment tikkawża ħruġ indirett skond ir-regolament 5, l-awtorizzazzjoni għandha partikolarment tispeċifika:

(a) il-post tal-ħruġ,

(b) il-metodu tal-ħruġ,

(ċ) il-prekawzjonijiet essenzjali, b'attenzjoni partikolari li tingħata lix-xorta u l-konċentrazzjoni tas-sustanzi preżenti fl-effluwenti, il-karatteristiċi ta' l-ambjent riċeventi u l-prossimità ta' l-inħawi li minnhom jiġi l-ilma, partikolarment dawk għall-ilma tax-xorb, termali u minerali,

(d) il-kwantità massima ta' sustanza permissibbli f'effluwent matul perjodu wieħed jew iktar ta' żmien u r-rekwiżiti adatti dwar il-konċentrazzjoni ta' dawn is-sustanzi,

(e) l-arranġamenti li jippermettu li effluwenti li joħorġu għal ġo l-ilma ta' l-art ikunu sorveljati;

(f) fejn ikun meħtieġ, il-miżuri għas-sorveljar ta' l-ilma ta' l-art, u partikolarment tal-kwalità tiegħu.

Dettalji li għandhom ikunu speċifikati f'każ ta' tneħħija li tista' twassal għal ħruġ dirett jew indirett.

10. Meta tkun awtorizzata tneħħija jew rimi għall-iskop ta' tneħħija li tista' twassal għal ħruġ dirett jew indirett skond l-artikoli 4 jew 5 ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorizzazzjoni għandha partikolarment tispeċifika:

(a) il-post ta' tneħħija jew rimi,

(b) il-metodi ta' tneħħija jew rimi,

(ċ) il-prekawzjonijiet essenzjali, b'attenzjoni partikolari li tingħata għax-xorta u konċentrazzjoni tas-sustanzi preżenti fil-materja li tkun se tintrema jew tiġi mneħħija, il-karatteristiċi ta' l-ambjent riċeventi u l-prossimità ta' l-inħawi li minnhom jiġi l-ilma, partikolarment dawk għall-ilma tax-xorb, termali u minerali,

(d) il-kwantità massima permissibbli, waqt xi perjodu ta' żmien wieħed jew iktar speċifikat, tal-materja li jkun fiha s-sustanzi tal-listi I jew II u, fejn possibbli, ta' dawk is-sustanzi nfushom, li jkunu se jintremew jew jiġu mneħħija u r-rekwiżiti adatti dwar il-konċentrazzjoni ta' dawk is-sustanzi,

(e) fil-każijiet imsemmija għalihom fl-artikolu 4 (1) u l-artikolu 5 (1) ta' dawn ir-regolamenti, il-prekawzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu implimentati biex ikun evitat kull ħruġ fl-ilma ta' l-art ta' sustanzi tal-lista I u ta' kull tniġġis ta' dak l-ilma b'sustanzi tal-lista II,

(f) meta jkun meħtieġ, il-miżuri għal-sorveljar ta' l-ilma ta' l-art, u partikolarment tal-kwalità tiegħu.

It-tul ta' l-awtorizzazzjonijiet.

11. L-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-artikoli 4 u 5 ta' dawn ir-regolamenti, jistgħu jingħataw biss għal perjodu ta' żmien limitat, u għandhom ikunu riveduti mill-anqas kull erba' snin. Dawn jistgħu jiġu mġedda, emendati jew imneħħija.

Rifjut u tneħħija ta'awtorizzazzjoni.

12. (1) Jekk persuna li titlob awtorizzazzjoni kif hemm imsemmija fl-artikoli 4 jew 5 ta' dawn ir-regolamenti, tistqarr li mhix f'posizzjoni li tikkonforma ruħha mal-kondizzjonijiet stabbiliti, jew inkella jekk din is-sitwazzjoni tkun waħda evidenti għall-awtorità kompetenti, l-awtorizzazzjoni għandha tiġi rifjutata.

(2) Jekk il-kondizzjonijiet stipulati f'awtorizzazzjoni ma jitħarsux, l-Awtorità għandha tieħu l-passi adatti biex tiżgura li dawn il-kondizzjonijiet jiġu mwettqa u jekk ikun meħtieġ, hija għandha tneħħi dik l-awtorizazzjoni.

Sorveljar tal-konformità.

13. L-awtorità kompetenti għandha tissorvelja jekk ikunx hemm konformità mal-kondizzjonijiet stipulati fl-awtorizzazzjonijiet u l-effetti tal-ħruġ fuq l-ilma ta' l-art.

Disposizzjoni transitorja.

14. Rigward ħruġ ta' sustanzi tal-listi I jew II li jkunu diġà qegħdin iseħħu fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, l-

awtorità kompetenti tista' tistipula perjodu li ma' l-għeluq tiegħu kull ħruġ inkwistjoni għandu jkun jikkonforma ma' dawn ir-regolamenti.

Inventarju.

15. L-awtorità kompetenti għandha żżomm inventarju ta' l-awtorizzazzjonijiet, imsemmija fir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti, tal-ħruġ ta' sustanzi fil-lista I, ta' l-awtorizzazzjonijiet, msemmija fir-regolament 5, ta' ħruġ dirett ta' sustanzi fil-lista II, u ta' l-awtorizzazzjonijiet imsemmija fir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti.

Ebda tniġġis ta' l-ilma ta' l-art.

16. Il-mod kif jiġu applikati l-miżuri li jittieħdu konformi ma' dawn ir-regolamenti ma għandhom għal ebda raġuni jwasslu, sew direttament sew indirettament, għat-tniġġis ta' l-ilma ta' l-art.

Reati taħt dawn ir-regolamenti.

17. Persuna tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti jekk:

(a) tonqos milli thares xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) taġixxi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tassoċja ruħha jew tittanta tassoċja ruħha ma' xi persuna, jew tgħin, jew thajjar, lil xi persuna oħra b'liema mezz ikun, inkluż ir-reklamar, l-għoti ta' pariri jew il-ħlas ta' flus biex tikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli thares xi disposizzjoni tagħhom, inkluża kull ordni mogħtija leġittimament skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti.

Pieni.

18. Kull min jagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti jista', meta jinsab ħati, jeħel:

(a) meta jinsab ħati għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira iżda mhux iżjed minn elf lira;

(b) meta jinsab ħati għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux anqas minn elf lira iżda mhux iżjed minn elfejn lira, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda meta persuna tinsab ħatja li tkun għamlet reat taħt dawn ir-regolamenti bl-użu ta' xi vettura, sid dik il-vettura, meta dan ikun japplika, jkun responsabbli bl-istess mod u fl-istess qies:

Iżda wkoll il-qorti għandha tordna lil kull min ikun insab ħati li għamel reat kontra dawn ir-regolamenti li jħallas dawk l-ispejjeż li l-Awtorità Kompetenti tkun għamlet u li huma msemmija f'dawn ir-regolamenti bħala riżultat ta'dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-Awtorità Kompetenti u l-konfiska tal-*corpus delicti*, inkluża l-vettura, jekk dan ikun japplika.

Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

19. (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 23 u 30(1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw għal proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli persuna jkollha jew tikseb liċenzja, permess jew awtorità m'għandha f'ebda każ tkun għal inqas minn sena.

(2) Minkejja d- disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond ma jista' jkun il-każ, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.

Skeda

LISTA I TA' FAMILJI U GRUPPI TA' SUSTANZI

Il-Lista I fiha s-sustanzi individwali li jappartjenu għall-familji u gruppi ta' sustanzi hawn taħt elenkati, bl-eċezzjoni ta' dawk li huma kkunsidrati mhux adatti għall-lista I għax ikollhom riskju baxx ta' tossiċità, persistenza u bioakkumulazzjoni.

Tali sustanzi għar-rigward tat-tossiċità, persistenza u bioakkumulazzjoni huma adatti għall-lista II għandhom ikunu klassifikati fil-Lista II.

1. Komposti u sustanzi organoħaloġeniċi li jistgħu jiffurmaw komposti bħal dawk fl-ambjent akwatiku
2. Komposti organofosfori
3. Komposti organotini
4. [1]Sustanzi li jippossjedu proprjetajiet karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew teratoġeniċi fi jew permezz ta' l-ambjent akwatiku (1)

5. Il-merkurju u l-komposti tiegħu
6. Il-kadmju u l-komposti tiegħu
7. Żjut minerali u idrokarburi
8. Ċjanuri

LISTA II TA' FAMILJI U GRUPPI TA' SUSTANZI

Il-Lista II fiha s-sustanzi individwali u l-kategoriji ta' sustanzi li jappartjenu lill-familji u gruppi ta' sustanzi elenkati hawn taħt li jistgħu jkollhom effett li jagħmel ħsara lill-ilma ta' l-art.

1. Dawn il-metallojdi u l-metalli li ġejjin u l-komposti tagħhom:

a) Żingu
b) Ram
c) Nikil
d) Kromju
e) Ċomb
f) Selenju
g) Arseniku
h) Antimonju
i) Molibdenu
j) Titanju
k) Landa
l) Barju
m) Berillju
n) Boron
o) Uranju
p) Vanadju
q) Kobalt

[1]Meta xi sustanzi fil-lista IJ huma karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew teratoġeniċi, dawn ikunu inklużi fil-kategorija 4 ta' din il-lista.

r) Tallju
s) Tellurju
t) Fidda.

2. Il-biocidi u d-derivattivi tagħhom li ma jidhrux fil-Lista I.

3. Sustanzi li għandhom effett deletorju fuq it-togħma u/jew ir-riħa ta' l-ilma ta' l-art, u komposti li x'aktarx jikkawżaw il-formazzjoni ta' dawk is-sustanzi f'dak l-ilma u li jirrenduh mhux tajjeb għall-konsum tal-bniedem.

4. Komposti tas-silikon organiċi tossiċi u persistenti, u sustanzi li jistgħu jikkawżaw il-formazzjoni ta' dawk il-komposti fl-ilma, eskluż dawk li huma meqjusa li bioloġikament ma jagħmlux ħsara jew li meta jitqegħdu fl-ilma jinbidlu malajr f'sustanzi li ma jagħmlux ħsara.

5. Komposti inorganiċi ta' fosfru u ta' fosfru elementali.

6. Flworidi.

7. Ammonja u nitriti.